**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 642/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Clifton Attard**

**Illum 10 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Clifton Attard, ta' 31 sena iben Edwin u Maria Carmela nee` Scicluna, imwieled Żabbar nhar il-21 ta' Settembru 1980, u resident 58, Gloucester Place, Flat 1, Triq il-Prinċipessa Margerita, Msida, detentur tal-karta tal-identita` numru 451890M.

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioe` talli:

1. **Nhar it-22 ta' Lulju 2023 f'xi ħin filgħodu, minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBU-048 fi Triq ix-Xatt tax-Xbiex,**

ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, u bix-xorta tal-ħaġa **misruqa** liema ammont **jeċċedi** s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda li ma **jeċċedix** l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' **Pedro Schembri** u/jew persuna/i oħra;
**Art 261, 267, 271, 279(a) u 281 tal-Kap. 9**

2. **Nhar is-06 ta' Awwissu 2023 għall-ħabta tal-10:00 ta' filgħodu, minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GQZ-404 fi Triq ix-Xatt, Gżira**, ikkommetta serq ta' *mobile phone* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa liema ammont ma **jeċċedix** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għad-detriment ta' Stephen Camilleri u/jew persuna/i oħra;
**Art 261, 267 u 281 tal-Kap. 9**

3. **Nhar is-07 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta tad-09:00 ta' filgħodu, minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni PET-501 fi Triq Sir Patrick Stuart, Gżira,** ikkommetta serq ta' credit cards u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa liema ammont **ma jeċċedix** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għad-detriment ta' Adrian Grech u/jew persuna/i oħra;
**Art 261, 267 u 282 tal-Kap. 9**

4. **Nhar is-07 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta l-04:00 ta' wara nofsinhar minn l-istabbiliment The Steam House, ix-Xatt ta' Xbiex, Msida,** ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema ammont **ma jeċċedix** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għad-detriment ta' Alfonso Tommaso u/jew persuna/i oħra;
**Art 284 u 285 tal-Kap 9**

5. **Nhar il-11 Awwissu 2023 għall-ħabta tad-09:00 ta' filgħodu minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCG-771 fi Triq Principessa Margerita, Tax-Xbiex,** ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur bix-xorta tal-ħaġa misruqa liema ammont **jeċċedi** s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' **Kyle Mallia** u/jew persuna/i oħra;

**Art 26, 267, 271, 279(a) u 281 tal-Kap. 9**

**Akkużat ukoll talli fix-xahar ta' Awwissu 2023 u/jew ix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer:**

6. Naqas mili jħares xi waħda, w/je aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioe` mill-**Maġistrat Joseph Mifsud LLD** mid-digriet datat **18 ta' Marzu 2023** u li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-ammont stabbilit mill-arrest taħt garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tordna r-re-arrest tiegħu ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba sabiex titratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 5 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huma kienu ġew misjuba ħatja u kkundannati għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat Clifton Attard ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat, rat li l-imputat kien ingħata diversi opportunitajiet biex huwa jirriforma ruħħu għalhekk tqis li piena karċeraja tkun idoneja fiċ-ċirkostanzi.

**Deċide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279(a), 281, 284, 285 u 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat Clifton Attard, qed issib lill-istess Clifton Attard ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u qegħda tikkundannah għal erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija effettiva u għal multa ta' tlett mitt Ewro (€300), li għandha titħallas sa żmien sena mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**